IR-RABAT

**MINUTI TAL-KUMITAT TAL-OFFERTI LI SARET NHAR IL-ĠIMGĦA 1 TA' NOVEMBRU 2013 FIS-2.30 P.M. ĠEWWA L-UFFIĊĊJI AMMINISTRATTIVI TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**
Is-Sindku Charles Azzopardi
Il-Viċi Sindku Doris Coleiro
Il-Kunsillier Paul Grech
Il-Kunsillier Nazju Cassar
Il-Kunsillier Ian Vassallo
Is-Sur Ronnie Bugeja (Rappreżentant tal-pubbliku)
Is-Segretarju Eżekuttiv Orietta Masini Cardona

**SKUŻAT:**
Is-Sur Joe Cachia (Rappreżentant tal-pubbliku)

---

1. **L-għażla tal-kwotazzjoni Q 082/2013 –** ***Supply of uniforms for Local Council Employees***

Intefgħet kwotazzjoni waħda hekk kif ġej:

| | Isem | Indirizz | Prezz | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | € | |
| 1 | In Design Malta Ltd | Żebbuġ Road, Attard | 4125.60 | |

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li ntefgħet kwotazzjoni waħda, talbet 'ruling' mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kif l-Kunsill ghandu jipproċedi. Ir-risposta kienet li ladarba l-Kunsill kien ħareġ Sejħa Pubblika u irċieva kwotazzjoni waħda biss sad-data tal-egħluq, il-Kunsill jista' jipproċedi b'din il-kwotazzjoni. Il-kumitat unanimament qabel li għandha tintgħażel din l-offerta.

2. **L-għażla tal-offerta RLC/T/127/13 –** ***Upkeep and Maintenance of Soft Area within 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets' in an environmentally friendly manner – Area 1***

KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

Intefgħu erba' kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Indirizz | Rata | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | € | |
| 1 | Mark Barbara | 23, Sparrow House, Triq il-Knisja, Dingli | 8,100 | |
| 2 | Emanuel Ciantar | 4, Le Jardin, Triq Kan. G. Gatt Said, Rabat | 6,950 | |
| 3 | Frankie Grech | Frankie House, Triq il-Kileb, Imqabba | 8,500 | |
| 4 | Joseph Gatt | Casa Gatt, Triq San Trofimu, Rabat | 9,727 | |

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tintagħżel l-offerta ta' Mark Barbara. Is-Sur Barbara diga' kien il-kuntrattur fuq *Soft Area 1* u dejjem tagħna servizz tajjeb ħafna. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kumitat qabel unanimament.

3. **L-għażla tal-offerta RLC/T/128/13 - *Upkeep and Maintenance of Soft Area within 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets' in an environmentally friendly manner - Area 2***

Intefgħu ħames kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Indirizz | Rata | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | € | |
| 1 | Charles & Joseph Gauci | 31, Paradise, Flat 1, Triq Karmena Micallef, Rabat | 5,990 | |
| 2 | Joseph Gatt | Casa Gatt, Triq San Trofimu, Rabat | 8,920 | |
| 3 | Emanuel Ciantar | 4, Le Jardin, Triq Kan. G. Gatt Said, Rabat | 7,500 | |
| 4 | Brian Caruana | 5B, Ex Married Quarters, St David Rd, Imtarfa | 3,000 | |
| 5 | Mark Barbara | 23, Sparrow House, Triq il-Knisja, Dingli | 7,900 | |

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tintagħżel l-offerta ta' Charles & Joseph Gauci. Mill-*feedback* li ħadna mingħand il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Imdina infurmana li jaħdmu b'dan il-kuntrattur u dejjem tagħhom xogħol tajjeb ħafna. Barra minn hekk dan huwa l-istess kuntrattur ta' bħalissa fuq *Soft Area 2* u dejjem tagħna xogħol sodisfaċenti. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kumitat qabel.

4. **L-għażla tal-offerta RLC/T/129/13 - *Upkeep and Maintenance of Soft Area within 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets' in an environmentally friendly manner - Area 3***

Intefgħu erba' kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Indirizz | Rata | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | € | |
| 1 | Joseph Gatt | Casa Gatt, Triq San Trofimu, Rabat | 9727 | |
| 2 | Emanuel Ciantar | 4, Le Jardin, Triq Kan G Gatt Said, Rabat | 8399 | |
| 3 | Anton Barbara | 46, Triq Santa Marija, Rabat | 8690 | |
| 4 | Brian Caruana | 5B, Ex Married Quarters, St David Rd, Imtarfa | 3000 | |

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jintagħżel il-kuntrattur Brian Caruana. Is-Sur Caruana mhuwiex il-kuntrattur ta' bħalissa fuq din is-*soft area* però huwa l-irħas offerent u diġà tagħna servizz fuq kuntratti oħra u dejjem tagħna xogħol tajjeb ħafna. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kumitat qabel unanimament.

5. **L-għażla tal-offerta RLC/T/130/13 – *Upkeep and Maintenance of Soft Area within 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets' in an environmentally friendly manner – Area 4***

Intefgħu seba' kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Indirizz | Rata | Rimarki |
|---|---|---|---|---|
| | | | € | |
| 1 | Joseph Azzopardi | 32, Vrai Amour, Triq il-Waqqafa, Mosta | 7560 | |
| 2 | Anton Barbara | 46, Triq Santa Marija, Rabat | 6499 | |
| 3 | Jason Seguna | Casa Lorraine, Triq il-Qubbajt, Zebbuġ | 15,141 | |
| 4 | Emanuel Ciantar | 4, Le Jardin, Triq Kan. G. Gatt Said, Rabat | 3199 | |
| 5 | Charles & Joseph Gauci | 31, Paradise, Flat 1, Triq Karmena Micallef, Rabat | 2900 | |
| 6 | Frankie Grech | Frankie House, Triq il-Kileb, Imqabba | 5500 | |
| 7 | Joseph Gatt | Casa Gatt, Triq San Trofimu, Rabat | 7247 | |

Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jintagħżel Emanuel Ciantar. Is-Sur Emanuel Ciantar mhuwiex il-kuntrattur ta' bħalissa fuq din is-*soft area* però huwa diġà ta s-servizz tiegħu fuq *soft area* oħra u dejjem tagħna xogħol tajjeb ħafna. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Grech. Il-Kumitat qabel unanimament.

Il-laqgħa ntemmet fit-3.15 pm

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**